



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 16.9.2019  
COM(2019) 414 final

2019/0194 (NLE)

Proposta għal

## **DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fit-tielet laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju fir-rigward tal-adozzjoni ta' Deċiżjoni dwar l-eliminazzjoni gradwali tal-amalgama dentali u li temenda l-Anness A għal din il-Konvenzjoni**

## **MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

### **1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA**

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni waqt it-tielet laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju b'rabta mal-adozzjoni prevista ta' Deċiżjoni dwar l-eliminazzjoni gradwali tal-amalgama dentali u li temenda l-Anness A għal dik il-Konvenzjoni.

### **2. KUNTEST TAL-PROPOSTA**

#### **2.1. Il-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju**

Il-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju ("il-Ftehim") hija l-qafas legali internazzjonali ewlieni maħsub biex jiproteġi s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent mill-emissjonijiet antropoġeniċi u r-rilaxxi tal-merkurju u l-komposti tal-merkurju fl-arja, fl-ilma u fuq l-art.

Hija tindirizza ċ-ċiklu sħiħ tal-ħajja tal-merkurju mill-estrazzjoni primarja tal-merkurju għar-rimi tal-iskart tal-merkurju, inkluż il-ħażna temporanja tal-merkurju, it-taħlitiet tal-merkurju ma' sustanzi oħra, inklużi l-liġi tal-merkurju, b'konċentrazzjoni ta' merkurju li tal-anqas tkun ta' 95 % skont il-piż ("it-taħlitiet tal-merkurju"), u ta' sitt komposti tal-merkurju, inkluż il-klorur tal-merkurju (I), l-ossidu tal-merkurju (II), is-sulfat tal-merkurju (II), in-nitrat tal-merkurju (II), iċ-ċinnabar u s-sulfur tal-merkurju, appartni l-iskart tal-merkurju. Il-Ftehim daħal fis-seħħ fis-16 ta' Awwissu 2017. L-Unjoni Ewropea hija parti għall-Ftehim<sup>1</sup> bħalma huma l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri<sup>2</sup>.

#### **2.2. Il-Konferenza tal-Partijiet**

Il-Konferenza tal-Partijiet għall-Ftehim ("is-COP") twettaq il-funzjonijiet assenjati lilha mill-Ftehim u, għal dak il-għan, għandha tqis u twettaq fost l-oħrajn, kull azzjoni addizzjonali li tista' tkun meħtieġa biex jinkisbu l-oġettivi tal-Ftehim, inkluż l-adozzjoni ta' linji gwida rilevanti.

Skont l-Artikolu 28 tal-Ftehim u d-Deċiżjoni MC-1/1 dwar ir-Regoli ta' Proċedura adottati mis-COP waqt l-ewwel laqgħa tagħha (bejn l-24 u d-29 ta' Settembru 2017), kull Parti għandha vot wieħed. Madankollu, l-Unjoni, bħala organizzazzjoni ta' integrazzjoni reġjonali ekonomika, teżerċita d-dritt tagħha li tivvota, dwar kwistjonijiet fil-kompetenza tagħha, b'numru ta' voti ugwali għan-numru tal-Istati Membri tagħha li huma Partijiet għall-Ftehim. L-Unjoni ma għandhiex teżerċita d-dritt għall-vot tagħha jekk xi ħadd mill-Istati Membri tagħha jeżerċita d-dritt għall-vot tiegħu, u viċi versa.

#### **2.3. L-att previst tal-Konferenza tal-Partijiet**

Fil-25 ta' Novembru 2019, abbażi tal-informazzjoni disponibbli għall-Partijiet tal-Ftehim, is-COP hija mistennija tadotta, matul it-tielet laqgħa tagħha, Deċiżjoni dwar l-eliminazzjoni gradwali tal-amalgama dentali u l-emenda tal-Anness A għall-Konvenzjoni bħala segwitu għal proposta konġunta magħmula minn sitt pajjiżi Afrikani li huma Partijiet għall-Ftehim (il-

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/939 tal-11 ta' Mejju 2017 dwar il-konklużjoni f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju (ĠU L 142, 2.6.2017, p. 4).

<sup>2</sup> Fl-20 ta' Ġunju 2019, 23 Stat Membru kienu rratifikaw il-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju, jiġifieri l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, il-Kroazja, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Ungerija, l-Irlanda, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, l-Iżvezja u r-Renju Unit.

Gabon, iċ-Chad, il-Guinea-Bissau, il-Botswana, is-Senegal, in-Niġer), f'konformità mal-Artikoli 26 u 27 tal-Ftehim ("l-att previst").

Il-Parti I tal-Anness A tal-Ftehim tinkludi lista ta' prodotti miżjudin bil-merkurju (eż. ċerti bozoz fluworexxenti kompatti għal skopijiet ta' tidwil ġenerali), il-manifattura, l-importazzjoni u l-esportazzjoni tagħhom hija pprojbita mill-2021, f'konformità mal-Artikolu 4(1) ta' dan il-Ftehim.

Il-Parti II tal-Anness A tal-Ftehim fiha lista ta' disa' miżuri dwar it-tnaqqis gradwali tal-użu tal-amalgama dentali. F'konformità mal-Artikolu 4(1) u mal-Parti II tal-Anness A tal-Ftehim, il-Partijiet iridu jieħdu mill-inqas żewġ miżuri (eż. biex jirrestrinġu l-użu tal-amalgama dentali għall-forma inkapsulata tagħha).

L-objettiv tal-att previst huwa li jeliminaw gradwalment l-użu tal-amalgama dentali. Biex isir dan, l-att previst jipproponi li jirregola l-manifattura u l-kummerċ internazzjonali tal-amalgama dentali f'żewġ passi. L-ewwel nett, huwa jipprevedi l-eliminazzjoni gradwali, sa mill-2022, tal-manifattura, tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni tal-amalgama dentali meta din tkun iddestinata biex tintuża għall-kura tas-snien tal-ħalib, kif ukoll tas-snien ta' tfal taħt l-età ta' 15-il sena u ta' nisa tqal u li qed ireddgħu. It-tieni, huwa jipprevedi li japplika din il-projbizzjoni mill-2025 għall-manifattura, għall-importazzjoni u għall-esportazzjoni tal-amalgama dentali għall-użi l-oħra kollha, ħlief fejn ma hemmx alternattivi ħielsa mill-merkurju disponibbli. F'dan ir-rigward, l-att previst jipproponi li jħassar il-Parti II tal-Anness A tal-Ftehim u li jinkludi l-amalgama dentali fil-lista ta' prodotti miżjudin bil-merkurju msemmija fil-Parti I tal-Anness A għall-Ftehim.

### **3. IL-POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTEĦED F'ISEM L-UNJONI**

Il-pożizzjoni proposta li trid tittieħed f'isem l-Unjoni hija li waqt it-tielet laqgħa tas-COP tiġi appoġġjata l-adozzjoni ta' Deċiżjoni li tkun konsistenti mal-*acquis* tal-UE.

L-Artikolu 10(2) tar-Regolament (UE) 2017/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 dwar il-merkurju<sup>3</sup> ("ir-Regolament (UE) 2017/852") jipprojbixxi, mill-1 ta' Lulju 2018, l-użu tal-amalgama dentali fl-UE għat-trattament tas-snien tal-ħalib, kif ukoll tas-snien tat-tfal taħt l-età ta' 15-il sena u ta' nisa tqal u li qed ireddgħu.

L-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 2017/852 jipprevedi fost l-oħrajn, li l-Kummissjoni se tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, sat-30 ta' Ġunju 2020, dwar il-fattibbiltà ta' eliminazzjoni gradwali fl-UE tal-użu tal-amalgama dentali fuq terminu twil, u preferibbilment sal-2030, filwaqt li jitqiesu l-pjanijiet nazzjonali tal-Istati Membri dwar it-tnaqqis gradwali tal-użu tal-amalgama dentali msemmija fl-Artikolu 10(3) u b'rispett sħiħ tal-kompetenza nazzjonali tagħhom għall-organizzazzjoni u għall-għoti ta' servizzi tas-saħħa u tal-kura medika. Fid-dawl ta' dan, f'Settembru 2018 il-Kummissjoni Ewropea nediet valutazzjoni dwar il-fattibbiltà ta' tali eliminazzjoni gradwali fl-UE sal-2030. L-eżitu tal-istudju se jkun fih valutazzjoni teknika, li tinkludi l-analiżi tal-pjanijiet nazzjonali msemmija hawn fuq, li l-Istati Membri kollha kellhom jissottomettu sal-1 ta' Lulju 2019. Dan l-istudju se jikkonkludi fi Frar 2020 u se jservi ta' bażi għar-rapport tal-Kummissjoni msemmi hawn fuq li se jitressaq sal-aħħar ta' Ġunju 2020.

Għalhekk, l-*acquis* tal-UE jirregola l-użu tal-amalgama dentali iżda attwalment ma jipprevenix il-manifattura, l-importazzjoni u l-esportazzjoni tagħha. Fil-futur, tista' tiġi

---

<sup>3</sup> ĠU L 137, 24.5.2017, p. 1.

kkunsidrata l-possibbiltà li jitwessgħu r-restrizzjonijiet dwar l-użu biex tiġi inkluża projbizzjoni fuq il-manifattura, l-importazzjoni u l-esportazzjoni tal-amalgama dentali li tiddependi fost l-oħrajn fuq l-eżitu tar-rieżami tar-Regolament (UE) 2017/852 f'konformità mal-Artikolu 19.

Għaldaqstant, fit-tielet laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet tal-Ftehim, l-UE tista' biss tappoġġa l-adozzjoni ta' Deċiżjoni li tkun konsistenti mal-*acquis* tal-UE. Hija meħtieġa pożizzjoni tal-Unjoni peress li, ladarba tiġi adottata, il-Partijiet għall-Ftehim ser ikollhom jimplementaw l-att previst .

#### **4. BAŻI ĠURIDIKA**

##### **4.1. Bażi ġuridika proċedurali**

###### *4.1.1. Il-Prinċipji*

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jistabbilixxu “*l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f’isem l-Unjoni f’sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim*”. Il-kunċett ta’ “*atti li jkollhom effetti legali*” jinkludi l-atti li jkollhom effetti legali bis-saħħa tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw il-korp inkwistjoni. Jinkludi wkoll l-istrumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li “*jistgħu jinfluwenzaw b’mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni*”<sup>4</sup>.

###### *4.1.2. Applikazzjoni għal dan il-każ*

Is-COP hija korp imwaqqaf bi ftehim, jiġifieri l-Konvenzjoni ta’ Minamata dwar il-Mercurju.

L-att previst, li s-COP hija mitluba tadotta, jikkostitwixxi att li għandu effetti legali. L-att previst għandu effetti legali minħabba li l-Partijiet għall-Ftehim għandhom jieħdu miżuri biex jiżguraw li jiġi implimentat u li jkun hemm konformità miegħu.

L-att previst ma jissupplimentax jew ma jemendax il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim. Għaldaqstant, il-bażi ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

##### **4.2. Bażi ġuridika sostantiva**

###### *4.2.1. Il-Prinċipji*

Il-bażi ġuridika sostantiva biex tittieħed deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-objettiv u mill-kontenut tal-att previst li dwaru tittieħed pożizzjoni f’isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew il-komponenti jkun jista’ jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċement inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tkun ibbażata fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

###### *4.2.2. Applikazzjoni għal dan il-każ*

L-objettiv u l-kontenut ewlenin tal-att previst huma marbuta mal-ambjent. Għaldaqstant, il-bażi ġuridika sostantiva tad-deċiżjoni proposta hi l-Artikolu 192(1) tat-TFUE.

---

<sup>4</sup> Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta’ Ottubru 2014, Ġermanja vs il-Kunsill, C-399/12, ECLI: EU:C:2014:2258, paragrafi 61 sa’ 64.

### **4.3. Konklużjoni**

Jenħtieġ li l-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta tkun l-Artikolu 192(1) tat-TFUE flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

Proposta għal

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fit-tielet laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju fir-rigward tal-adozzjoni ta' Deċiżjoni dwar l-eliminazzjoni gradwali tal-amalgama dentali u li temenda l-Anness A għal din il-Konvenzjoni**

### IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Konvenzjoni ta' Minamata<sup>5</sup> dwar il-Merkurju ("il-Ftehim") ġiet konkluża mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/939<sup>6</sup> u daħlet fis-seħħ fis-16 ta' Awwissu 2017.
- (2) Skont id-Deċiżjoni MC-1/1 dwar ir-Regoli ta' Proċedura adottati mill-Konferenza tal-Partijiet tal-Ftehim waqt l-ewwel laqgħa tagħha, il-Partijiet għandhom jagħmlu kull sforz biex jilhqqu ftehim b'kunsens dwar il-materji kollha ta' sustanza.
- (3) Il-Konferenza tal-Partijiet tal-Ftehim, matul it-tielet laqgħa tagħha tal-25-29 ta' Novembru 2019, hija mistennija tadotta Deċiżjoni ("id-Deċiżjoni proposta") dwar l-eliminazzjoni gradwali tal-amalgama dentali u li temenda l-Anness A għall-Ftehim.
- (4) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Konferenza tal-Partijiet tal-Ftehim, peress li din id-Deċiżjoni proposta, jekk tiġi approvata, se jkollha effetti legali peress li l-Partijiet tal-Ftehim se jkollhom jieħdu miżuri biex jimplementawha fil-livelli nazzjonali u/jew reġjonali.
- (5) Id-Deċiżjoni proposta tipprevedi projbizzjoni sa mill-2022 tal-manifattura, tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni ta' amalgama dentali meta tintuża għall-kura ta' snien tal-ħalib u tas-snien ta' tfal taħt il-ħmistax-il sena u ta' nisa tqal u li qed ireddgħu. Id-Deċiżjoni proposta tipprevedi l-estensjoni ta' tali projbizzjoni, sa mill-2025, għall-manifattura, għall-importazzjoni u għall-esportazzjoni tal-amalgama dentali għall-użi l-oħra kollha, ħliet fejn ma hemmx alternattivi mingħajr merkurju disponibbli. Id-Deċiżjoni proposta tipprevedi l-emenda tal-Anness A tal-Ftehim bħala mezz biex jiġu implimentati dawk il-projbizzjonijiet fil-Ftehim.

---

<sup>5</sup> Kopja ċċertifikata tal-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju hija disponibbli fuq: <https://treaties.un.org/doc/Treaties/2013/10/20131010%2011-16%20AM/CTC-XXVII-17.pdf>

<sup>6</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/939 tal-11 ta' Mejju 2017 dwar il-konklużjoni f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju (ĠU L 142, 2.6.2017, p. 4).

- (6) L-Artikolu 10(2) tar-Regolament (UE) 2017/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Merkurju<sup>7</sup> jipprojbixxi mill-1 ta' Lulju 2018 l-użu tal-amalgama dentali fl-Unjoni għat-trattament tas-snien tal-ħalib u tas-snien tat-tfal taħt il-ħmistax-il sena u tan-nisa tqal u li qed iredgħu; filwaqt li l-Artikolu 19 ta' dak ir-Regolament jipprevedi li l-Kummissjoni se tivvaluta u tirrapporta sat-30 ta' Ġunju 2020 lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-fattibbiltà ta' eliminazzjoni gradwali fl-Unjoni tal-użu tal-amalgama dentali fuq terminu twil, u preferibbilment sal-2030.
- (7) Għalhekk jenħtiegħ li d-Deċiżjoni proposta tkun appoġġata biss sa fejn għandhom x'jaqsmu l-elementi tagħha dwar l-eliminazzjoni gradwali tal-użu tal-amalgama dentali għat-trattament tas-snien tal-ħalib u tas-snien tat-tfal taħt il-ħmistax-il sena u tan-nisa tqal u li qed iredgħu; filwaqt li jenħtiegħ li l-Unjoni tappoġġa biss l-adozzjoni ta' Deċiżjoni mill-Konferenza tal-Partijiet għall-Ftehim li tkun konsistenti mal-*acquis* tal-Unjoni.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fit-tielet laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet tal-Ftehim għandha tkun li tappoġġa l-adozzjoni ta' Deċiżjoni dwar l-eliminazzjoni gradwali tal-użu ta' amalgama dentali li hija konsistenti mal-*acquis* tal-Unjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*

---

<sup>7</sup> Ir-Regolament (UE) 2017/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 dwar il-merkurju, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1102/2008 (ĠU L 137, 24.5.2017, p. 1).